**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Lulju, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 401/01JR**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Ray Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85.00), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2000, 25 ta' Settembru, 2000, 17 ta' Novembru, 2000, 15 ta' Frar, 2001, 15 ta'**

**Marzu, 2001 u 17 ta' April, 2001, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija fuq hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85.00) mit-8 ta' Gunju, 2000, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici li biha cediet is-sorte pero` zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**It-Tribunal fil-konfront ta' l-ispejjez jinnota li gew prezentati diversi ittri ufficjali, meta ma kienx hemm in-necessita` taghhom. Ghalhekk fir-rigward ser jillimita l-ispejjez li ghandhom jigu subiti mill-konvenut fir-rigward.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2000 u tas-17 ta' April, 2001.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**